II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Jannar 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali

(2008/202/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' April 1993 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati f'isem il-Komunità għal ftehim ta' kooperazzjoni doganali ma' xi whud mill-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-Komunità Ewropea.

(2) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali qiegħed b'hekk jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta l-Komunità fuq il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skond l-Artikolu 21 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw l-Ftehim f'isem il-Komunità.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 22 tal-Ftehim f'isem il-Komunità [1].

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.